# STATWI BIBLIĊI

Din is-sena fl-okkazjoni tal-festa titulari ta' Marija Bambina, l-istatwi li mill-imgħoddi kienu jintramaw fi Triq Santa Luċija, se jiġu armati fi Triq 21 ta' Settembru, kantuniera ma' labour Avenue.
Għal din ir-raġuni dawn l-istatwi ġew restawrati u mogħtija d-dehra oriġinali tagħhom. Dan il-bżonn ilu jinħass, għax illum Triq Santa Luċija saret triq traffikuża ħafna, u għalhekk mhux darba u tnejn li dawn l-istatwi ġew milquta. Fuq kollox il-post fejn se jiġu armati hu aktar wiesa u għalhekk wieħed jista' japprezzahom aktar. Dawn kienu inħadmu qrib mitt sena ilu minn Ċensu Cremona, li barra li kien statwarju tajjeb u ta' ħila kien xenejografu fit-tijatru rjal. Kemm hu hekk jekk wieħed jifli sew dawn l-istatwi jinduna li għandhom qagħda tijatrali kbira u dan wieħed jista' jikkonfermah fl-ilblies u fil-qagħda tagħhom.
Fl-okkażjoni tar-restawr ta' dawn l-istatwi u l-ispustjar tagħhom fi Triq ġdida ħsibt li permezz ta' din il-kitba naraw flimkien lil min qegħdin jiffiguraw dawn l-istatwi. Insibu tnax-il waħda u se ngħidu, fil-qosor xi ħaġa fuq kull waħda minnhom.

U se nibdew bl-istatwa ta' Ester. Din kienet mara Lhudija, tgħix fil-Persja u laħqet sultana t'hawnhekk mis-sultan Asweru, minflok Waste li rrifjutat talba tas-sultan.
Is-sultana Ester kienet strumentali biex ħelset lil Lhud minn gwaj kbir li kien mhedded fuqhom minn Ħamar.
Dan Ħamar, tlewwem ma' Morkedaj, li kien il-kuġin ta' Ester, u ħalef Ħamar li joqtol il-Lhud kollha tal-Persja. Ester daħlet quddiem Asweru u qaltlu bil-ħsieb ta' l-uffiċjal u s-sultan Asweru ħeles lil poplu Lhudi minn dik it-traġedja. Din il-ġrajja insibuha imniżżla f'wieħed mill-kotba ta' l-Iskrittura, u għalhekk hu magħruf bħala l-ktieb ta'Ester.

It-tieni statwa tiffigura lil Rebekka.
Din kienet bint Betwel l-Arami. Meta Iżaak kellu erbgħin sena iżżewwiġha u meta dan kellu sittin sena Rebekka wildet iż-żewġ uliedha Għesaw u Ġakobb.
Fil-ktieb tal-Ġenesi, naqraw li din kienet mara sabiħa u nsibu wkoll il-ġrajja meta din il-mara qarrqet b'żewġha, Iżaak (li dan kien spiċċa għama) u ressqitlu lil Ġakobb minflok lil Għesaw għal barka speċjali tal-missier.
Meta Għesaw għaraf x'għamlitlu ommu Rebekka irrabja u għalhekk Rebekka bagħtet lil Ġakobb għand ħuha Laban biex jeħles mill-qilla ta' ħuħ Għesaw.

F'dan is-sett statwi insibu wkoll l-istatwa ta' Rakele. Din kienet bint Laban u twieldet f'Ħaran u f'żogħżitha kienet tirgħa n-nagħaġ. Kienet ukoll in-neputija ta' Rebekka.
Ġara li meta Ġakobb kien Ħaran iltaqa' magħha ħabbha ħafna u iżżewwiġha. Kienet hi li welldet lil Ġużeppi, li flimkien ma' ħutu l-oħra, iffurmaw it-tnax-il tribu ta' Israel. Mietet meta welldet lil Benjamin u difnuha fi Triq Efrata li hi Betlem u Ġakobb waqqaf ħaġra fuq il-qabar tagħha.

L-istatwa li se naraw issa tfakkarna f'Ruth. Din kienet xebba minn art Mowab. Fil-ktieb ta' l-Iskrittura li jġib isimha, naqraw kif din ix-xebba, iżżewġet raġel minn ġens Lhudi, iżda meta miet, ma kienx hemm tfal. Wara din il-mewt, Ruth, flimkien ma' Noemi, omm żewġha, telqet lejn art Israel. Hemm Ruth iżżewġet lil Bogħaz, li kien qarib missier żewġha.
Miż-żwieġ ta' Ruth u Bogħaz twieled tifel Għobed, li meta kiber kellu iben Gesse li minnu tnissel David. Ruth għalhekk hija l-bużnanna ta' David li minn nisel tiegħu twieled Sidna Ġesu Kristu.

Rabta ma' din l-istatwa, naraw statwa oħra - Noemi. Din isimha jfisser "Ħlewwa tiegħi"
Kienet omm ir-raġel ta' Ruth u żewġha kien Elimelek. Meta dan miet Noemi u Ruth għexu flimkien u wara ftit marru flimkien Betlehem u l-poplu hemm ta merħba kbira. Kienet Noemi li wżat l-influwenza tagħha biex Ruth iżżewġet lil Bogħaz.

Aħna u naraw dawn l-istatwi l-ħarsa tagħna taqa' fuq statwa oħra sabiħa li din tiffigura lil Abigael.
Din kienet mart Nabal li kien raġel kattiv ħafna. Fil-ktieb ta' Samwel naqraw il-ġrajja meta David, iddispjaċut għal dak li kien għamillu Nabal, ħalef li jivvendika ruħu minnu, iżda hawn daħlet Abigael li kkonvinċiet lil David biex iwaqqaf il-vendetta tiegħu u rnexxielha. Meta Nabal miet, David, iżżewweġ lil Abigael.

*ikompli f'paġna 73*

*ikompli minn paġna 71*

Statwa oħra tiffigura lil Sara mart Abram. Kellha disgħin sena meta welldet lil Iżaak.
Sara mietet ta' 127 sena f'Qirjat Arba u difnuha fil-għar ta' l-għalqa ta' Marħila, quddiem Mamre, li hi Ħebron f'art Kangħan.

L-istatwa l-oħra li se naraw tiffigura lil Debora. Din kienet profetessa mimlija għajnuna kbira minn Alla. Kienet mart Lafidot u kienet strumentali biex teħles lil Lhud minn Siseru li ried jagħmel massakru minnhom.
Kienet Debora li ħajret lil Baraq joħroġ għal Siseru u jiġġilidlu, u Baraq, li allura kien wieħed mill-kapijiet tan-Neftali, ried li Debora tmur miegħu għall-battalja biex il-preżenza tagħha turi lin-nies tiegħu li Alla kien magħhom u hekk timlihom bil-kuraġġ. Kienet Jael iżda li meta Siseru kien rieqed fil-kamp waħlitlu għamla ta' grampun twil f'nagħsu u miet u hekk il-poplu Lhudi inħeles u dak in-nhar Debora għanniet għanja ta' radd il-ħajr li nsibuha fil-ktieb ta' l-Imħallfin.

Statwa oħra f'dan is-sett tiffigura lil Susanna mart Jojakim. Kienet bint Ħilqija. Kellha fuqha l-biża t'Alla. Żewġha kellu ġnien kbir u għal ħabta ta' nofs il-jum hi kienet tinżel fih.
Żewġ imħallfin xjuħ, li xejn ma kienu magħrufa għat-tjubija tagħhom xeħtu għajnejhom fuqha u xtaquha. Darba daħlu fuqha waqt li kienet tinħasel fil-ġnien u għax waqqfitilhom, akkużawha li nqabdet ma żagħżugħ. Iltaqgħet il-Miġemgħa li kkundannat lil Susanna għall-mewt iżda huma u sejrin biha tfaċċa Danjel il-profeta. Għarbel iż-żewġ imħallfin u kixef il-qerq tagħhom u hekk Susanna inħelset mill-mewt...

Gagħel
Il-ġrajja tal-qalbiena Gagħel insibuha miktuba fil-ktieb ta' l-Imħallfin. Din il-mara għandha rabta ma' mara oħra ta' qawwa kbira u profetessa - Deborah.
Gagħel kienet il-mara ta' Heber il-Keni u kellha rabta mal-qtil ta' Sisra. Dan kien għakkes il-poplu Lhudi għal għoxrin sena sħaħ. Kellu qawwa kbira ta' disa mitt karru tal-ħadid. Kienet il-profetessa Deborah li bagħtet lil Baruk biex jeqred il-qawwa ta' Sisra u Baruk irnexxielu joqtol sa l-inqas suldat, iżda Sisra ħarab u sab kenn fil-kamp ta' Gagħel. Din laqgħetu, u tatu l-kenn u saħansitra sqietu iżda meta raqad qabdet musmar ta' l-għarix u daħlitulu f'nagħsu u hekk (permezz ta' Gagħel) Sisra, tilef il-ħajja tiegħu.

L-aħħar żewġ statwi li se naraw jiffiguraw lil Sant'Anna u lil San Ġwakkin, il-ġenituri tal-Madonna. Kienu t-tnejn mit-tribu ta' Ġuda mid-dar tas-Sultan David u fi xjuħithom marru joqogħdu Ġerusalemm mill-Galilija u hemm kellhom tarbija li semmewha Marija.
Dan nafuh mit-tradizzjoni antika għax mill-Iskrittura ma nafu xejn dwarhom. Fis-seklu erbgħa Sant'Elena bniet knisja fuq il-post fejn kienu jgħixu dawn iż-żewġ qaddisin.

Kif rajna dawn l-istatwi barra li qegħdin isebbħu l-ambjent tal-festa tan-Naxxar, fihom tagħlima. Ilkoll kellhom xi virtu li spikka fil-Madonna. Kienu xebħ fil-bogħod ta' mara li tnisslet bla dnub, u saret Omm il-Feddej.

*Tony Terribile*



**Pedestall tal-Istatwi kif ġew irranġati din is-sena.**